MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1072/2005

Mario Muscat
vs
Angelo Zahra

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi permezz ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili datata 14 ta’ Lulju, 2000 fil-kawza fl-ismijiet Mario Muscat vs Angelo Zahra (Cit. Numru 435/1991NA) annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok A, dik il-Qorti kienet iddikjarat li l-konvenut kien unikament responsabbli ghad-danni kollha kawzati lill-attur, meta l-konvenut kienu obbliga ruhu permezz ta’ konvenju datat 13 ta’ Jannar 1989, kif sussegwentement minnu prorogat fil-5 ta’ April, 1989, preservat ghand in-Nutar Pierre Cassar li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur, zewg porzjonijiet diversi ta’ art

fabbrikabbli ghall-bini, ta’ kejl u l-ispecifikazzjonijiet kollha msemmija fl-istess konvenju f’Robert mifsud Bonnici Street, Balzan, meta l-istess konvenut kien jaf li tali proprjeta` ma kenitx tappartjeni lilu, izda lil terzi, b’dan ghalhekk li kif kien gie sancit fis-sentenza 1163/89 fl-ismijiet Mario Muscat vs Angelo Zahra, il-konvenut ma kienx f’pozizzjoni li jaghmel l-istess kuntratt pubbliku ghat-trasferiment effettiv ta’ l-istess art, u ghalhekk kien ukoll konoxxenti tal-fatt li ma setax jonora, kif fil-fatt kien naqas li joora l-obbligazzjonijiet minnu xjentement u in mala fede assunti fl-istess konvenju;

Illi inoltre, il-Qorti kienet illikwidat u kkundannat lill-konvenut, ihallas id-danni kollha sofferti mill-attur kawza ta’ agir doluz u in mala fede assunti mill-istess konvenut fl-ammont  ta’ ghaxart elef, mija u sebgha u hamsin lira Maltija (Lm10,157) li minnhom l-ammont ta’ seba’ mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm757) kienu danni diretti u l-ammont ta’’disat elef u erba’’mitt lira Maltin (Lm9400) kienu telf ta’ profitt li kien sofra l-istess attur, flimkien ma’ l-ispejjez tal-kawza kif mitluba, taxxa annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok B, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza, hlief li fuq il-parti tad-danni reali l-imghax kellu jiddekorri mid-data tal-hlas u ta’ l-izborz li kien ghamel l-istess attur;

Illi kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u l-konvenut ma kienx hallas id-debiti tieghu u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li din il-Qorti joghgobha tawtorizzah jipprocedi sabiex jezegwixxi s-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili datata 14 ta’ Lulju, 2000 fil-kawza fl-ismijiet Mario Muscat vs Angelo Zahra (Cit. Numru 435/1991NA), u dan peress li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-imsemmija sentenza, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi l-intimat Angelo Zahra debitament notifikat skond il-ligi mghajjat tliet darbiet ma deherx ghas-seduta tal-lum u anqas ipprezenta risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk peress li t-talba tar-rikorrent Mario Muscat tidher gustifikata u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, il-Qorti qed tilqa' t-talba tar-rikorrent fis-sens li qed tawtorizza lill-istess rikorrent jipprocedi sabiex jezegwixxi s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 14 ta' Lulju, 2000 fil-kawza fl-ismijiet Mario Muscat vs Angelo Zahra (Cit. Numru 435/1991NA).

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------